MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 115/2005

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**John u Maria Carmela mizzewgin Spalding**
**u b'digriet ta' l-20 ta' Frar, 2006 Maria Carmela Spalding (ID 26545M) u Caroline Spalding (ID 91566M) assumew l-atti wara**
**l-mewt ta' John Spalding**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, tmien mija u disgha u tletin lira  Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm4,839.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' John u Maria Carmela mizzewgin Spalding mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1" sa "A2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-8 ta' Jannar, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan Account" gie moghti lill-konvenuti

permezz ta’ kuntratt datat 25 ta’ Ottubru, 2000 in atti Nutar Dottor Marco Burlo’ (Dok. B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokument B anness mall-kuntratt datat 25 ta’ Ottubru, 2000 in atti Nutar Dr Marco Burlo’ (Dok.B), imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti John u Maria Carmel mizzewgin Spalding (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi dokument B anness mall-kuntratt imsemmi, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenuti.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------